

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Diċembru 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2009/177/KE fir-rigward tal-programmi ta' qerda u l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri, żoni u kompartimenti għal ċertu mard ta' annimali akkwatiċi

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9888)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/975/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2) u l-Artikolu 49(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tas-sorveljanza u l-programmi ta' qerda u l-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-Istati Membri, żoni u kompartimenti <sup>(2)</sup> tistabbilixxi mudell tal-formuli għas-sottomissjoni mill-Istati Membri għal approvazzjoni tal-programmi ta' qerda skont id-Direttiva 2006/88/KE u s-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni għal approvazzjoni tal-istatus ħieles mill-mard skont dik id-Direttiva.
- (2) Il-Parti B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE tistabbilixxi listi tal-Istati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' qerda approvati skont id-Direttiva 2006/88/KE. Il-Parti C ta' dak l-Anness jistabbilixxi listi tal-Istati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard skont dik id-Direttiva.
- (3) Id-Danimarka ppreżentat lill-Kummissjoni programm multiannwali għal qerda tas-setticemja virali emorraġika (VHS) skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju <sup>(3)</sup> għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013. Dak il-programm ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/897/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li approvat programmi annwali u multiannwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u

żoonożi ppreżentati mill-Istati Membri għall-2009 u s-snin ta' wara <sup>(4)</sup>. Dak il-programm huwa konformi mar-rekwiżiti għal approvazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/177/KE u għandhom għalhekk jiġu approvati skont l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE. Skont dan, iż-żoni koperti minn dak il-programm għandhom jiddaħħlu fil-Parti B tal-lista stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

- (4) L-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2009/177/KE jipprevedi deroga mid-Direttiva 2006/88/KE li permezz tagħha l-Istati Membri mhumiex soġġetti li jippreżentaw approvazzjoni tal-programmi ta' qerda li ġew approvati għal-għanijiet sabiex jinkiseb l-istatus ta' żona approvata fir-rigward tal-VHS permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/634/KE tat-28 ta' Awwissu 2003 li tapprova programmi għall-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u rziezet approvati f'żoni mhux approvati fir-rigward tas-setticemja virali emorraġika (VHS) u n-nekrożi ematopojetika li tinfetta (IHN) fil-ħut <sup>(5)</sup>, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.
- (5) Id-Deċiżjoni 2003/634/KE approvat programm li ġie ppreżentat mill-Finlandja għall-għan li jinkiseb l-istatus ta' żona approvata fir-rigward tal-VHS. Il-Finlandja issa ppreżentat rapport dwar dak il-programm skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/177/KE. Skont dan, iż-żoni koperti minn dak il-programm għandhom għalhekk jiddaħħlu fil-lista fil-Parti B tal-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.
- (6) Il-Ġermanja ppreżentat programm multiannwali lill-Kummissjoni għall-qerda tal-marda tal-vajrus tal-erpette tal-koi (KHV) skont id-Deċiżjoni 90/424/KEE. Dak il-programm ġie approvat mid-Deċiżjoni 2008/897/KE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013. Dak il-programm huwa konformi mar-rekwiżiti għall-approvazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/177/KE u għandhom għalhekk jiġu approvati skont l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE. Skont dan, iż-żoni koperti minn dak il-programm għandhom jiddaħħlu fil-Parti B tal-lista stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.<sup>(2)</sup> ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15.<sup>(3)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.<sup>(4)</sup> ĠU L 322, 2.12.2008, p. 39.<sup>(5)</sup> ĠU L 220, 3.9.2003, p. 8.

- (7) It-territorju kollu tar-Renju Unit bħalissa huwa elenkat fil-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE kif iddikjarat ħieles mill-mard skont id-Direttiva 2006/88/KE fir-rigward tal-anemija infettiva tas-salamun (ISA). Ir-Renju Unit innotifika l-preżenza tal-ISA fil-kompartiment li qabel kien iddikjarat ħieles mill-mard. Id-dħul għal dak l-Istat Membru fir-rigward tal-ISA għandu skont dan, jiġi emendat fil-lista stabbilita fil-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE.
- (8) Ir-Renju Unit issa ppreżenta għal approvazzjoni ta' programm ta' qerda fir-rigward tal-ISA li għandu jiġi applikat fil-Gżejjer Shetlands tal-Lbiċ. Dak il-programm huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2009/177/KE. Għandu jkun approvat skont dan u l-Gżejjer Shetlands tal-Lbiċ għandhom jiddaħħlu fil-Parti B tal-lista stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.
- (9) Id-Deċiżjoni 2003/634/KE approvat programm li ġie ppreżentat mir-Renju Unit għall-għan li jinkiseb l-istatus ta' żona approvata fir-rigward tal-VHS. Ir-Renju Unit issa ppreżenta rapport dwar dak il-programm skont ir-rewiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/177/KE sabiex tinkiseb dikjarazzjoni tal-istatus ħieles mill-mard għal dawk iż-żoni. Dak il-programm huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2009/177/KE. Dawk iż-żoni għandhom għalhekk skont dan jiddaħħlu fil-lista tal-Parti C tal-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.
- (10) Barra minn hekk, il-kosta kollha tal-Irlanda ta' Fuq minbarra Lough Foyle, bħalissa elenkata fil-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE qiegħda ddikjarata bħala ħielsa mill-mard fir-rigward tal-infezzjoni *Bonamia* *ostreae* Ir-Renju Unit issa nnotifika l-preżenza tal-infezzjoni *Bonamia ostreae* fi Strangforth Lough ma' dik il-kosta. Strangforth Lough għandu għalhekk jiġi eskluż mit-territorju ddikjarat bħala ħieles mill-mard fil-lista stabbilita fil-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni.
- (11) Id-Deċiżjoni 2009/177/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE hu emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*  
Androulla VASSILIOU  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

Fl-Anness I, il-Partijiet B u C jinbidlu b'dan li ġejj:

## "PARTI B

## Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta' qerda approvati

Marda	L-Istat Membru	Kodiċi ISO	Dimarkazzjoni ġeografika tal-erja taħt programm ta' qerda (Stati Membri, żoni jew kompartimenti)
Is-settiċemija virali emorraġika (VHS)	Id-Danimarka	DK	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma li ġejjin: Tim Å, Hover Å, Heager Å, Velling Å, Skjern Å, Hemmet Mølle Bæk, Lydum Å, Kongeå, Kolding Å, Vejle Å and Holmsland Klit.
	Il-Finlandja	FI	Il-Provinċja ta' Åland; Il-muniċipalitajiet ta' Uusikaupunki, Pyhä-ranta u Rauma.
Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)			
Il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)	Il-Ġermanja	DE	Is-Sassonja
L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)	Ir-Renju Unit	UK	Il-Gżejjer Shetland tal-Lbiċ
Infezzjoni bil- <i>Marteilia refringens</i>			
Infezzjoni bil- <i>Bonamia ostreae</i>			
Marda tal-ponot bojod			

## PARTI C

## Stati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard

Marda	L-Istat Membru	Kodiċi ISO	Dimarkazzjoni ġeografika tal-erja ħielsa mill-mard (Stati Membri, żoni jew kompartimenti)
Is-settiċemija virali emorraġika (VHS)	Id-Danimarka	DK	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma u kostali ta': — Hansted — Slette — Hovmille — Bredkr Bk — Gren — Vandlb til Kilen — Tre — Resenkr — Alling — Klostermille — Kastbjerg — Hvidbjerg — Villestrup — Knidals — Korup — Spang — Sby — Simested — Elling — Skals — Uggerby — Jordbro — Lindemborg — Fremlle — ster — Flynder — Hasseris — Damhus — Binderup — Karup Å — Vidkr — Gudenen — Dybvad — Halkr — Bjrnsholm — Storen — Trend — rhus — Lerkenfeld — Bygholm — Vester — Grejs — Linnerup med tillb — rum — Fiskbæk Å

Marda	L-Istat Membru	Kodiċi ISO	Dimarkazzjoni ġeografika tal-erja ħielsa mill-mard (Stati Membri, żoni jew kompartimenti)
	L-Irlanda	IE	Iż-żoni kontinentali u kostali kollha fit-territorju tagħha, minbarra: 1. Il-Gżira ta' Cape Clear
	Ċipru	CY	Iż-żoni kontinentali kollha fit-territorju tagħha
	Il-Finlandja	FI	Iż-żoni kontinentali u kostali kollha fit-territorju tagħha, minbarra: 1. il-Provinċja ta' land; 2. il-muniċipalitajiet ta' Uusikaupunki, Pyhäranta u Rauma.
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	Iż-żoni kollha kontinentali u kostali fil-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, l-Isle of Man u Jersey.
Nekrozi ematopojetika infettiva (IHN)	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	Iż-żoni kontinentali kollha fit-territorju tagħha
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
Ir-Renju Unit	UK	Iż-żoni kollha kontinentali u kostali fil-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, l-Isle of Man u Jersey.	
Il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)			
L-anemija infettiva tas-salamun (ISA)	Il-Belġju	BE	It-territorju kollu
	Il-Bulgarija	BG	It-territorju kollu
	Ir-Repubblika Ċeka	CZ	It-territorju kollu
	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	Il-Ġermanja	DE	It-territorju kollu
	L-Estonja	EE	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Il-Greċja	EL	It-territorju kollu
	Spanja	ES	It-territorju kollu
	Franza	FR	It-territorju kollu
	L-Italja	IT	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	It-territorju kollu
	Il-Latvja	LV	It-territorju kollu
	Il-Litwanja	LT	It-territorju kollu
	Il-Lussemburgu	LU	It-territorju kollu
	L-Ungerija	HU	It-territorju kollu
	Malta	MT	It-territorju kollu
	L-Olanda	NL	It-territorju kollu
	L-Awstrija	AT	It-territorju kollu
	Il-Polonja	PL	It-territorju kollu
	Il-Portugall	PT	It-territorju kollu
	Ir-Rumanija	RO	It-territorju kollu
	Is-Slovenja	SI	It-territorju kollu
	Is-Slovakkja	SK	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu

Marda	L-Istat Membru	Kodiċi ISO	Dimarkazzjoni ġeografika tal-erja ħielsa mill-mard (Stati Membri, żoni jew kompartimenti)
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	Iż-żoni kollha kontinentali u kostali fil-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Guernsey, l-Isle of Man u Jersey minbarra l-Gżejjer Shetland tal-Lbiċ.
Infezzjoni bil- <i>Marteilia refringens</i>	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	Il-kosti kollha tal-Gran Brittanja. Il-kosti kollha tal-Irlanda ta' Fuq. Il-kosti kollha ta' Guernesey u Herm. Iż-żona kostali tal-Istati ta' Jersey: Iż-żona tikkorrispondi għaż-żona ta' tifrigħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas friegħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-anqas livell baxx ta' friegħ tal-ilma tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf Normann-Brittaniku, fin-naħa t'isfel tal-Kanal Inġliż. Il-kosti kollha tal-Isle of Man.
Infezzjoni bil- <i>Bonamia ostreae</i>	L-Irlanda	IE	Il-kosta kollha tal-Irlanda, minbarra: <ul style="list-style-type: none"> <li>1. Cork Harbour</li> <li>2. Il-Bajja ta' Galway</li> <li>3. Il-Port ta' Ballinakill</li> <li>4. Il-Bajja ta' Clew</li> <li>5. Il-Kanal ta' Achill</li> <li>6. Loughmore, il-Bajja ta' Blacksod</li> <li>7. Lough Foyle</li> <li>8. Lough Swilly</li> </ul>
	Ir-Renju Unit	UK	Il-kosta kollha tal-Gran Brittanja, minbarra: <ul style="list-style-type: none"> <li>1. il-kosta ta' Nofsinhar ta' Cornwall minn Lizard sa Start Point;</li> <li>2. il-kosta ta' Dorset, Hampshire u Sussex minn Portland Bill sa Selsey Bill;</li> <li>3. iż-żona tul il-kosta ta' North Kent u Essex minn North Foreland sa Felixstowe;</li> <li>4. iż-żona tul il-kosta tal-Lbiċ ta' Wales minn Wooltack Point sa St Govan's Head, inklużi Milford Haven u l-ibħra tal-frugħ tal-Lvant u l-Punent tax-xmara Cleddau;</li> <li>5. iż-żona fejn hemm l-ilmijiet ta' Loch Sunart fuq in-naħa tal-Lvant ta' linja mfassla min-Nofsinhar Xlokk mill-ponta l-aktar għolja ta' Maclean's Nose sa Auliston Point;</li> <li>6. iż-żona fejn hemm Loch Tarbert tal-Punent Grigal tal-linja maħżuża Xlokk il-Lvant f'Ardpatrick Point NR 734 578 lejn North Dunskeig Bay f'NR 752 568.</li> </ul> Il-kosta kollha tal-Irlanda ta' Fuq, minbarra: <ul style="list-style-type: none"> <li>1. Lough Foyle</li> <li>2. Strangford Lough</li> </ul> Il-kosti kollha ta' Guernsey, Herm u tal-Isle of Man. Iż-żona kostali tal-Istati ta' Jersey: iż-żona tikkorrispondi għaż-żona ta' tifrigħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas friegħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-anqas livell baxx ta' friegħ tal-ilma tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf Normann-Brittaniku, fin-naħa t'isfel tal-Kanal Inġliż.
Il-marda tal-white spot*			